MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1012/2009

**Dustin Mifsud (K.I. 258491M)**
**vs**
**Oliver Henry Mifsud**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tliet elef hamsa u erbghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€3045.91) rapprezentanti fondi bankarji li l-konvenut kien jamministra appartenenti lill-attur li kien minorenni. Illi l-attur illum sar maggorenni u talab lill-missier il-konvenut sabiex jghaddilu l-imsemmija fondi indikati, fl-*'Owner's Statement'* ezebit in atti bhala Dok A, a fol 2, oltre l-imghax li akkumula fuq l-istess kont bankarju dekoribbli mit-2 ta' Settembru, 2002 sal-lum.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas lil ibnu l-ammont pretiz oltre l-imghax li akkumula izda baqa' nadempjenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali datata 29 ta' Ottubru, 2009 u bl-imghax legali dekorribbli sal-pagament effettiv.

Ai fini ta' kompetenza l-ammont pretiz ma jeccedix is-somma ta' €3494.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi preliminarjament, l-attur ghandu jressaq:

a) prova tad-digriet li permezz tieghu l-esponent gie mahtur amministratur ta' xi fond apparteneti lill-attur;
b) prova li turi l-provenjenza ta' xi fondi, titoli jew xi assi ohra derivanti lill-attur meta huwa kien ghadu minuri u li dwarhom l-esponent gie mahtur amminitstratur minn xi Awtorita';

Sekondarjament u minghajr pregudzzju, it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-flus indikati fid-dokument anness ma' dawn il-proceduri kienu proprjeta' assoluta tal-esponenti u fl-ebda hin ma kienu tal-attur u dan kif ser jigi ppruvat f'aktar dettalji waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' x-xhieda ta' Neil Mifsud, Dustin Mifsud, Joanna Mifsud, Olivery Henry Mifsud, Saviour Galea u Audrey Ghigo.

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra li d-difensur tal-attur iddikjara fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 2010 li jekk eventwalment jirrizulta li bl-imghaxijiet tal-bank akkumulati jaqbez l-ammont ta' €3494, l-attur qieghed jirrinunzja ghal dak l-ammont li jeccedi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ma jirriuzltax illi kien

hemm ebda oggezzjoni min-naha tal-konvenut dwar din id-dikjarazzjoni.

**Ikkunsidra:**

Mill-provi jirrizulta li l-attur fetah kawza kontra l-konvenut li jigi missieru sabiex il-missier jhallas lil ibnu l fondi li huwa qieghed jallega jappartjenu lilu gewwa kont bankarju numru 075-002261-101 depozitati mal-HSBC Bank Plc. Jirrizulta ukoll illi l-attur ghandu huh, tewmi li jismu Neil, li konteswalment ma' din il-kawza fetah kawza ohra kontra l-istess konvenut sabiex il-missier jhallas lil ibnu Neil fondi li huwa qieghed jallega jappartjenu lilu gewwa kont bankarju numru 075-002261-100 depositati mall-HSBC Bank Plc.

Illi rrizulta li l-konvenut ghandu zewg kontijiet bankarji intestati f'ismu izda li ghandhom *account name* li jsejjhu wiehed lil Neil Mifsud u l-iehor lil Dustin Mifsud. Dawn il-kontijiet infethu f'Awissu, 1993. Illi l-attur u huh flimkien twieldu fl-14 ta' Mejju, 1991. Illi fl-14 ta' Mejju, 2009 huma ghalqu tmintax-il sena u riedu l-flus li kienu gew imgemghin mill-genituri taghhom mat-twelid taghhom.

Illi skont l-attur Dustin Mifsud u huh Neil qalu li t-tnejn kellhom fondi separati gestiti minn missierhom. Il-missier huwa l-konvenut, Oliver Henry Mifsud. Illi meta ghalqu tmintax-il sena huma talbu lil missierhom ghal flushom. Ghall-ewwel kien ha jaghtihomlhom izda maz-zmien iddecieda li jzommhom peress illi kif intqal dawn il-flus kienu pplegjati mal- HSBC Malta Plc.

Illi l-ahwa Mifsud huma t-tfal tal-konvenut li llum jinsab isseparat minn ma' omm l-attur. Illi rrizulta li l-genituri tal-attur kienu sseparaw fl-2002 u mas-separazzjoni kienu ddividew l-assi ta' bejniethom u l-genituri kienu eskludew il-kontijiet bankarji mill-kuntratt ta' separazzjoni. Intqal minn Joanna Mifsud, omm l-attur, illi l-konjugi Mifsud kienu ftehmu li l-fondi tat-tfal kienu ha jibqghu jkunu gestiti mill-genituri. Illi l-missier kien ha jibqa' jzomm iz-zewg konitjiet fissi depositati mal-HSBC plc u l-omm kienet ha tibqa' zzomm iz-zewg kontijiet *Savings* li kienu tat-tfal

taghhom. Illi l-kontijiet kollha kienu jinsabu f'isem il-genituri separatament izda *on a/c Neil Mifsud* u l-iehor *on a/c Dustin Mifsud*.

Mix-xhieda tal-attur u huh qalu li l-kontijiet kienu nfethu fl-2002 izda t-Tribunal jirilleva li effettivament il-kontijiet kienu nfethu fl-1995 meta is-subien kellhom sentejn. Illi ghalkemm kienu qalu li f'dawk il-kontijiet il-genituri kienu jiddepositaw ghotjiet ta' flus li huma kienu jircievu f'okkazzjonijiet specjali, it-Tribunal huwa tal-fehma li ghall-kont partikolari imsemmi f'din il-kawza peress illi l-kont kien infetah fl-1995 l-ghotjiet li kienu qieghdin jirreferu ghalihom kienu jigu depositati fil-kont gestit mill-omm. It-Tribunal jirrilleva ukoll illi meta l-attur fetah il-kawza huwa ma kienx jaf ezattament meta kienu nfethu l-kontijiet peress illi huma kellhom biss kopja ta' 'renewal advice' datata 2 ta' Settembru, 2002.

Mix-xhieda tar-rapprezentant tal-HSBC Malta Plc moghtija fit-23 ta' Awissu, 1993 rrizulta li z-zewg kontijiet fl-isem il-konvenut *a/c Neil* u *a/c Dustin* kienu nfethu proprju f'isem Oliver Henry Mifsud izda nfethu f'ammonti identici. Illi f'dawn l-kontijiet baqghu jsiru depositi sas-sena 1995. Id-depositi fiz-zewg kontijiet kienu ukoll fl-istess ammonti. Illi l-kont kien originarjament infetah b'depositu ta' circa LM900 munita kurrenti fis-sena 1993. Illi kull sena dan il-kont kien jizdidlu l-imghax u sas-sena 1995 kien ikun hemm xi depositi f'ammonti ugwali. Wara s-sena 1995 ma baqghux isiru depositi. Illi t-Tribunal jirrilleva li d-depositi kienu jkunu f'ammonti ugwali.

It-Tribunal sema' lill-attur u lil huh jixhdu. Sema' lill- omm l-attur, u sema' lil Saviour Galea, in –nannu tal-attur jixhdu wkoll. Saviour Galea qal illi kull ghotja ta' flus mit-twelid tas-subien, il-genituri kienu qieghdin jfaddluhom ghall-uliedhom. Illi huwa kien sahansitra kellem lill-konvenut sabiex jaghtihom flushom, izda ghalkemm inizjalment kien ha jaghtihom lit-tfal huwa kien biddel fehmtu ghaliex kienu marbutin mall-bank.

Illi t-Tribunal sema' x-xhieda tal-attur u huh u sema' l-verzjoni tal-konvenut. Filwaqt illi ra li l-ahhar depozitu li

kien sar fil-kontijiet mertu tal-kawza kien fl-1995, ra li l-kontijiet baqghu jakkumulaw l-interessi u l-isem tal-kont qatt ma gie mibdul. Illi minkejja s-separazzjoni bejn il-genituri tal-attur u huh, il-kontijiet baqghu jsejhu lill-konvenut izda b'*account name Oliver Henry Mifsud a/c Dustin* u l-iehor f'isem il-konvenut *a/c Neil*. Illi huwa minnu li l-ammonti depozitati huma identitci izda l-ahhar depozitu sar fis-sena 1995. Illi ghaldaqstant, meta l-attur u huh xehdu li f'dawk il-kontijiet kienu jigu depozitati rigali tal-Milied, gheluq is-snin, precett u okkazjonijiet vari, t-Tribunal jirrilleva li l-ahhar depozitu kien sar meta l-attur kellu sentejn. Illi ghaldaqstant, il-flus f'rigali li kienu qieghdin jigu mgemghin ghal dawn l-okkazzjonijiet kienu qeghidn imorru fil-kont gestit minn ommhom, liema fondi hija kienet iddistribwiet lilhom meta ghalqu tmintax-il sena.

Illi fil-kaz in ezami t-Tribunal ra li nfethu zewg kawzi minn ulied il-konvenut kontra tieghu sabiex jiehdu dak li allegatament dejjem intqal lilhom li kienu flus li jappartjenu lilhom. Illi mindu kienu zghar kien intqal lilhom mill-genituri taghhom illi huma kienu qieghdin jfaddlu l-flus li jkunu qalghu f'okkazzjonijiet varji u peress illi kienu tewmin irrizulta li fil-fatt saru depoziti varji. Irrizulta ukoll illi l-ammonti fil-kontijiet huma identici bejn iz-zewg ahwa. It-Tribunal huwa tal-fehma li huwa minnu li fil-kontijiet li jsejjhu lill-konvenut ma baqghux isiru depoziti mis-sena 1995 u ghaldaqstant ma jistax ikun illi f'dawk il-kontijiet kienu jinsabu r-regali li kienu jaqilghu tul is-snin li kienu qieghdin jikbru u l-attur ma kienx f'pozizzjoni ikun jaf ezattament meta l-kont kien infetah. Mill-provi rrizulta li l-genituri kienu jiggestixxu zewg kontijiet separati u t-Tribunal huwa konvint illi dawn ir-regali msemmija kienu jigu depositati fil-kontijiet gestiti minn ommhom, u cioe' mix-xhud Joanna Mifsud, kif effettivament xehdet hija stess quddiem dan it-Tribunal. Minkejja dan, it-Tribunal jemmen illi t-talba tal-ulied kontra missierhom ma kellhiex tispicca f'kawza quddiem dan it-Tribunal, partikolarment meta jittiehed in kunsiderazzjoni l-ammont zghir ta' flus mertu tal-kawza.

It-Tribunal huwa tal-fehma li huwa minnu li l-kont bankarju qieghed f'isem il-konvenut u jappartjeni lilu biss. Izda t-

Tribunal jemmen illi ghalkemm l-kont isejjah lill-konvenut dan il-kont huwa ukoll *a/c Dustin* u kont iehor *a/c Neil* u din m'hijiex b'kumbinazzjoni izda ghaliex l-intenzjoni ewlenija tal-genituri kienet fil-fatt dak sostnut mix-xhieda kollha li t-Tirbunal sema' quddiemu hlief dik tal-konvenut. Illi t-Tribunal sema' lill-konvenut jixhed u jiddikjara li l-kont jappartjeni lilu, izda t-Tribunal jemmen illi ghalkemm huwa minnu li l-kont jappartjeni lill-konvenut il-flus li hemm fiz-zewg kontijiet kienu dejjem intenzjonati wiehed ghal Dustin u l-iehor ghal Neil. Illi m'hijiex lanqas kumbinazzjoni li hemm zewg kontijiet separati bl-ammonti ezatti u ugwali. It-Tribunal isaqsi "*li kieku l-kontijiet kienu verament biss tal-konvenut ghaliex, l-istess konvenut halla zewg kontijiet b'ammonti identici f'a/c fl-ismijiet ta' uliedu?".*

Illi wara li sema' u evalwa l-provi kollha quddiemu t-Tribunal ihoss illi din hija kawza li setghet facilment tigi evitata. Illi quddiemu t-Tribunal ghandu tilwima bejn wild u missier fuq tliet elef, hamsa w erbghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€3045.91). Illi t-Tribunal qieghed jara quddiemu missier li lest li jitlef il-fiducja ta' uliedu ghas-somma ta' tliet elef, hamsa w erbghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€3045.91). Illi hija hassra enormi li l-kilba ghal ftit flus jeghlbu sahansitra l-valuri tal-familja. Ghall-konvenut il-fiducja li huwa kellu ma' uliedu ghandha l-valur ta' tliet elef, hamsa w erbghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€3045.91).

In konkluzjoni, t-Tribunal ma jhossx illi l-verzjoni tal-konvenut hija veritjiera meta jghid illi dawk il-flus qatt m'appartjenu lil uliedu, izda pjuttost jemmen illi peress illi l-kontijiet jinsabu marbutin mal-bank, ghal xi self li huwa ha mill-istess bank, issa huwa m'huwiex f'pozizzjoni finanzjarja li jaghti lil uliedu dak li huwa taghhom u li huwa jaf moralment li huwa taghhom. Irrizulta li l-konvenut ghandu relazzjoni ma' mara ohra u li minn din ir-relazzjoni twieled tifel. It-Tribunal ra li l-konvenut zamm l-istess *pattern* u fetah kont bankarju f'ismu proprju izda wkoll *a/c Glenn Mifsud*, li huwa ibnu minuri ta' sitt snin.

It-Tribunal m'ghandux dubju li kieku r-relazzjoni ta' bejn l-ulied u l-genituri kienet wahda civili din il-kawza ma kienetx tinfetah. Illi huwa car u evidenti li bejn il-partijiet tezisti animosita' qawwija u din il-kwistjoni m'hijiex ha tghin is-sitwazzjoni familjari ta' bejniethom.

Illi huwa fatt mhux michud li bejn il-konvenut u l-attur kif ukoll ma' huh hemm rabta tul hajjithom. Gara li gara bejn il-genituri dan m'ghandu qatt jinterferixxi mar-relazzjonijiet bejn missier u iben. Illi m'ghandux dubju illi l-attur kellu trobbija mqanqala fejn il-genituri motivati b'sens uniku ta' egoizmu uzaw lil uliedhom ghar-ragunijiet taghhom. Dan l-agir egojisitiku tal-genituri sewa biss sabiex inghatha lilhom valuri tal-hajja zbaljati.

It-Tribunal, ma jemminx lill-konvenut meta jghid illi l-flus qatt ma kienu ntenzjonati ghall-uliedu, tant illi jekk kemm-il darba dawk il-flus fil-kontijiet kienu jappartjenu lilu, it-Tribunal jistqasi:- "*ghaliex m'uzax dawk il-fondi meta kellu bzonn loan mill-bank izda minflok hass il-htiega li juza dawk il-flus bhala security lill-bank?*" Huwa evidenti li sa z-zmien li meta ha l-*loan* mall-bank ir-relazzjoni ma' uliedu kienet ghadha tajba u kien ghalhekk illi ma hax dawk il-flus.

It-Tribunal m'ghandux dubju li l-kont fiss bin-numru 075-002261-101 li jinsab fl-HSBC Plc jappartjeni lill-konvenut, izda m'ghandux dubju li l-flus li hemm f'dak il-kont kienu ntenzjonati ghall-attur, Dustin Mifsud tant illi wara s-separazzjoni l-attur ma hassx il-htiega li jxolji dan il-kont u jiftah iehor minghajr l-ismijiet tat-tfal.

It-Tribunal huwa wkoll konvint illi l-konvenut dejjem kien intenzjonat illi jaghti dawn il-flus lil ibnu meta huwa kien f'pozizzjoni finanzjarja ahjar, izda ghal xi raguni r-relazzjonijiet ta' bejniethom thallew jehzienu tant illi l-fiducja bejn missier u iben giet tiswa' tliet elef, hamsa w erbghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€3045.91) biss.

Illi in konkluzjoni t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-kont numru 075-002261-101 jappartjeni lill-konvenut u huwa jista'

jiddisponi kif irid minn dan il-kont bankarju. Izda t-Tribunal jikkonkludi ukoll illi l-fondi li hemm f'dak il-kont jappartjenu lill-attur ghaliex kienu dejjem intenzjonati lilu u ghaldaqstant it-Tribunal 'arbitrio boni viri' jiddeciedi li dawn il-fondi fil-kont numru 075-00261-101 li jinsabu mal-HSBC Bank Plc ghandhom jigu jew rilaxxati lill-attur jew l-ekwivalenti tal-fondi jigu mhallsa lill-attur.

It-Tribunal, filwaqt illi jittama li r-relazzjoni unika bejn missier u iben tigi lura ghan-normal, jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur fis-somma ta' tliet elef erba' mija erbgha u disghin ewro (€3494) inkluzi l-interessi akkumulati sal-31 ta' Awwissu, 2009.

Spejjez sopportati unikament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------